

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Marzu 2014 – Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-248/12 P) ⁽¹⁾

(Appell — FAEGG, FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea — Ammissibbiltà tar-rikors għal annullament — Sitwazzjoni tal-appellant li ma huwiex direttament affettwat mid-deċiżjoni inkwistjoni)

(2014/C 184/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development (rappreżentant: K. Brown, solicitor)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Donnelly u P. Rossi, aġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development vs Il-Kummissjoni, tas-6 ta' Marzu 2012, T-453/10, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ħadhet bħala inammissibbli rikors intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/399/EU (innotifikata bid-dokument Numru C (2010) 4894), tal-15 ta' Lulju 2010, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), sa fejn din teskludi ċertu nfiq imġarrab mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 184, p. 6)

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *In-Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development huwa kkundannat ibati l-ispejjeż relatati ma' dan l-appell.*

⁽¹⁾ ĠU C 200, 07.07.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-6 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van Beroep te Gent – il-Belġju) – Bloomsbury NV vs Belgische Staat

(Kawża C-510/12) ⁽¹⁾

(Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura — Ir-Raba' Direttiva 78/660/KEE — Artikolu 2(3) — Prinċipju ta' stampa vera u ġusta — Artikolu 2(4) — Obbligu ta' informazzjoni — Artikolu 2(5) — Obbligu ta' deroga — Artikolu 32 — Metodu ta' evalwazzjoni bbażata fuq il-prezz storiku — Akkwist minn kumpannija ta' attiv b'xejn)

(2014/C 184/03)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Beroep te Gent

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Bloomsbury NV

Konvenut: Belgische Staat

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Hof van Beroep te Gent – il-Belġju – Interpretazzjoni tal-Artikolu 2(3), (4) u (5) tar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 21) – Prinċipju ta' stampa vera u ġusta – Akkwist minn kumpannija ta' attiv importanti b'xejn – Impossibbiltà li jiġi inkluż il-valur tal-akkwist fil-kontijiet tagħha, bir-riżultat li tingħata stampa qarrieqa tal-patrimonju, tas-sitwazzjoni finanzjarja u tal-qligħ u tat-telf tal-kumpannija

Dispożittiv

L-Artikolu 2(3) sa (5) tar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu [44(2)(g) KE] dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jimponix fuq kumpannija li takkwista attiv b'xejn li tinkudi fil-kontijiet annwali tagħha l-valur reali tiegħu.

(¹) ĠU C 46, 16.02.2013.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Naczelny Sąd Administracyjny – il-Polonja) – Gmina Wrocław vs Minister Finansów

(Kawża C-72/13) (¹)

(VAT — Direttiva 2006/112/KE — Trasferiment minn muniċipalitè ta' elementi tal-patrimonju tagħha)

(2014/C 184/04)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Gmina Wrocław

Konvenut: Minister Finansów

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Naczelny Sąd Administracyjny – Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) – Tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' muniċipalitè – Bejgħ ta' beni akkwistati skont il-liġi jew permezz tas-suċċessjoni jew tad-donazzjoni – Kontribut ta' dawn il-beni lil kumpannija.